MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2004

Appell Civili Numru. 277/1987/1

**Maria Theresa Deguara Caruana Gatto mart Joseph Deguara u l-istess Joseph Deguara bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti w ammin-istratur tal-beni parafernali ta' martu; u b'digriet tal-4 ta' April 1990 il-gudizzju baqa' fil-persuna ta' Maria Theresa Deguara Caruana Gatto biex tkompli l-kawza wahedha stante li fil-mori tal-kawza miet zewgha Joseph Deguara**

**vs**

**Teresa Bonanno, Josephine Lauri, Mario Mifsud, Lilian Galea, Rita Refalo u Rose Attard ilkoll ahwa Mifsud u b'digriet tal-20 ta' April 1987 Dr. Joseph**

**Azzopardi u l-P.L. Charles Vassallo gew nominati kuraturi biex jirraprezentaw lill-imsiefrin Margaret Micallef, Carmelo Mifsud, Saviour Mifsud, Mary Vella, Philip Mifsud u John Mifsud ilkoll ahwa Mifsud; u b'digriet tat-13 ta' Novembru 1987, Carmelo Mifsud assuma l-atti f'ismu proprju u gew mahruga mill-kawza l-Avukat Dottor Joseph Azzopardi u l-Prokuratur Legali Charles Vassallo in kwantu gew nominati kuraturi deputati biex jirrappresentaw lill-istess CarmeloMifsud, u b'digriet tas-16 ta' Jannar 1990 Teresa Bonanno assumiet l-atti tal-kawza f'isem il-konvenuti msiefrin Margaret Micallef, Saviour Mifsud, Mary Vella, Philip Mifsud u John Mifsud u gew mahruga barra mill-kawza l-Avukat Dottor Joseph Azzopardi u l-Prokuratur Legali Charles Vassallo li kienu gew nominati kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-assenti konvenuti Margaret Micallef, Saviour Mifsud, Mary Vella, Philip Mifsud u John Mifsud; u b'digriet tal-20 ta' Awissu 1998 il-gudizzju gie trasfuz fil-persuna ta' Jacqueline Balzan f'isimha proprju u bhala mandatarja ta' ohtha l-assenti Margaret Mifsud, Sonia Bonello, Maria Mallia u Filippa armla ta' Mario Mifsud bhala legittima rapprez-entanta ta' uliedha minuri Mario u Carmelo ahwa Mifsud stante l-mewt fil-mori tal-kawza ta' Mario Mifsud.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari.**

B'citazzjoni prezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' April, 1987 l-atturi ppremettew illi l-attrici hija l-proprjetarja ta' l-ghalqa ta' Bajdun fil-limiti ta' Haz-Zebbug tal-kejl ta' tlett itmiem hames sieghan u tmien kejliet, tmiss mit-tramuntana ma' St. Mary Street, nofsinhar ma' sqaq San Giakbu u mill-Punent ma' art ta' Filippu u Giovanni tal-Bilbli, jew l-eredi taghhom; illi din l-ghalqa hija posseduta mill-konvenuti minghajr ebda titolu u qed jirrifjutaw li jizgombraw minnha; ghalhekk talbu li dik il-Qorti:-

1. tiddikjara u tiddecidi illi l-ghalqa ta' Bajdun fil-limiti ta' Haz-Zebbug kif fuq deskritta hija proprjeta` ta' l-attrici;
2. konsegwentement illi l-konvenuti jigu kkundannati illi jizgumbraw mill-ghalqa ta' Bajdun fil-limiti ta' Haz-Zebbug kif fuq deskritta;
3. u dan fit-terminu qasir u perentorju li tiffissalhom din il-Qorti.
Bl-ispejjes kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

B'nota pprezentata fis-26 ta' Novembru, 1987 il-konvenut Carmelo Mifsud eccepixxa:
1. Fl-ewwel lok il-preskrizzjoni ta' tletin sena (30) a tenur ta' l-Artikolu 2248 tal-Kodici Civili;
2. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li l-art imsemmija fic-citazzjoni hija ta' l-ahwa Mifsud.

B'nota tad-19 ta' Jannar, 1988 il-konvenuti Dr. Joseph Azzopardi u l-P.L. Charles Vassallo nomine eccepew:-
1. Illi qabel xejn l-atturi jridu jipprovaw li huma proprjetarji;
2. Minghajr pregudizzju l-azzjoni hija preskritta stante li l-konvenuti ilhom jippossjedu l-ghalqa in kwistjoni 'animo domini' ghal aktar minn tletin sena.

B'nota pprezentata fis-27 ta' Mejju 1988 il-konvenuta Rose Attard eccepiet:-
1. Illi l-ghalqa de quo tappartjeni lill-aventi kawza tal-attrici (sic) Victor Mifsud u in fatti dejjem kienet ritenuta bhala proprjeta` tal-imsemmi defunt tant li giet denunzjata fost l-assi tieghu (Denunzja Numru 1697/79).
2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, in vista tad-dikjarazzjoni tal-istess attrici illi l-ghalqa de quo kienet in lokazzjoni ghand Vittorio Mifsud, ma jistghux jirnexxu t-tieni u t-tielet domanda tac-citazzjoni.

**Is-sentenzi appellati.**

F'dawn il-proceduri l-ewwel qorti ppronunzjat ruhha darbtejn. In effetti b'sentenza tal-15 ta' Settembru, 1999, li proprjament kien provediment dwar l-ammissibbilita` o meno ta' xi dokumenti li l-atturi kienu esebew permezz ta'

nota fl-udjenza tas-26 ta' Ottubru, 1998, l-istess qorti ammettiet il-produzzjoni tad-dokument AG5, konsistenti fi fotokopja ta' registru mizmum minn Monsignur Roberto Caruana Gatto u li kien juri li fit-13 ta' Settembru, 1935 kien sar pagament ta' LM13 qbiela ta' sentejn tal-ghalqa in kwistjoni minn Marozzo Mifsud, mentri, ghar-ragunijiet hemm moghtija, cahdet li jigu esibiti d-dokumenti markati Dok. AG1 sa AG4, u finalment ordnat li l-ispejjes ta' dak l-incident jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.

B'sentenza tat-13 ta' Marzu, 2001 l-Ewwel Qorti ddisponiet mill-mertu tal-kawza billi, filwaqt li laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, cahdet it-talbiet kollha attrici bl-ispejjes kollha, u ghalhekk anke dawk tas-sentenza tal-15 ta' Settembru 1999, kontra l-istess attrici.

**L-appell ta' l-attrici.**

L-attrici hasset ruhha aggravata bis-sentenzi fuq imsemmija u ghalhekk b'rikorsipprezentat fid-29 ta' Marzu, 2001 talbet li din il-Qorti joghgobha fl-ewwel lok tirriforma d-decizjoni tal-Qorti Civili Prim Awla tal-15 ta' Settembru 1999 billi tikkonfermaha fejn ammettiet l-ezibizzjoni tad-Dok AG5, u tirrevokaha fejn cahdet l-ezibizzjoni tad-Dokumenti AG2, AG3 u AG4 u tawtorizza l-ezibizzjoni ta' dawn it-tlitt dokumenti wkoll; u, fit-tieni lok, talbet li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza ta' l-istess Qorti tat-13 ta' Marzu 2001, billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa' d-domandi attrici, u dana bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti.

**L-appell fejn jikkoncerna is-sentenza tal-15 ta' Settembru 1999.**

Qed jigi sottomess li l-ewwel qorti kienet skorretta meta applikat l-Artikolu 679 tal-Kodici ta' Procedura biex cahdet it-talba sabiex jigu ammessi d-dokumenti AG2 sa AG4 billi dan l-artikolu jitkellem fuq meta tinghata lill-<u>periti</u> l-fakolta' li jisimghu xhieda u ghalhekk l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu ma jistax jigi estiz anke ghall-Assistent Gudizzjarju. Inoltre qed jigi sottomess li anke fl-eventwalita` li jigi applikat dan l-artikolu, l-istess artikolu jikkontempla diversi eccezzjonijiet bhal meta l-Qorti tkun

sodisfatta mill-htiega jew mill-utilita` li jkollha d-dokumenti quddiemha, u, skond l-appellanti, id-dokumenti AG2 u AG3, konsistenti f'ricerki ta' l-awturi tal-konvenuti, huma necessarji billi huma xhieda kontra dak li sostnew l-istess konvenuti. Id-dokumenti AG4 jirrigwarda l-istess kwistjoni.

Jirrizulta li fil-proceduri quddiem l-ewwel Qorti kien gie mahtur Assistent Gudizzjarju b'digriet tat-22 ta' Gunju, 1988 bil-fakolta` li "*jisma' u jigbor ix-xhieda*" tal-partijiet, liema provi gew konkjuzi f'Ottubru 1991. Sussegwentement kien gie mahtur l-A.I.C. V.Torpiano limitatament biex jezamina l-kuntratt (ta' divizjoni) esebit mill-attrici u jirrelata jekk l-art pretiza mill-attrici hijiex dikipposseduta mill-konvenuti. Ma' dan l-inkarigu l-istess Perit Topriano kien inghata l-fakolta` li jissomministra l-gurament biss limitatament ghall-iskop li jiddetermina l-konfini ta' l-istess art. Finalment gew mahtura periti addizzjonali fuq l-aspett tekniku rizultanti mir-rapport tal-Perit Torpiano, bil-fakolta` ukoll li jissoministraw il-gurament.

Fil-konsiderazzjoni taghha dwar l-akkoljiment jew cahda tat-talba ghall-prezentata tad-dokumenti fuq imsemmija l-ewwel qort ghamlet referenza ghall-Artikolu 679 tal-Kap 12 tal-Ligijiet a' Malta li jiddisponi li "*Meta tigi moghtija lill-periti l-fakolta` li jisimghu xhieda, ma jistghux jingiebu quddiem il-Qorti dokumenti godda jew xhieda ohra dwar l-oggett tal-perizja, hlief fil-kazijiet imsemmija fil-paragrafi (a), (b), (c), (d) u (e) tas-sub-artikolu 1 ta' l-Artikolu 150 u fil-paragrafi (a), (b), u (d) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 208.*"

Is-sottomissjoni ta' l-appellanti hija indirizzata lejn l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu li, skond l-appellanti, hija skorretta in kwantu, kif qed jigi sottomess, dan l-artikolu japplika fil-kaz ta' hatra ta' periti biss u ghalhekk ma' jistax jigi estiz ukoll ghal meta jigu mahtura Assistenti Gudizzjarji. Dan l-argument huwa legalment korrett billi minn ezami kemm ta' l-allura Kap. 309 tal-Ligijiet ta' Malta (li kien jitkellem dwar Assistenti Gudizzjarji u Xhieda b'Affidavit), kif ukoll minn ezami tal-Kap. 12 ma jirrizulta ebda provvedimenti simili ghall-artikolu fuq citat u, kif

sewwa osservat l-appellanti, jekk il-ligi ma tghidx espressament xi haga, mhux kompitu tal-gudikant li japplika regola relatata ma' aspett differenti tal-ligi tal-procedura. B'dana kollu, minn ezami tad-digriet relativ ghall-hatra tal-Perit kif ukoll dak relatat mal-hatra tal-periti addizzjonali, jirrizulta li l-istess periti, gew moghtija "*l-fakolta li jisimghu xhieda*" ghalkemm din il-fakolta` giet limitata ghal aspett partikolari tal-kwistjoni. Ghalhekk ghalkemm l-appellanti hija korretta fis-sottomissjoni li l-Artikolu 679 tal-Kap 12 ma ghandux jigi applikat meta jinhatru assistenti gudizzjarji biex jigbru l-provi, l-aggravju xorta ma jistax jigi akkolt in kwantu l-periti nghataw il-fakolta` li jisimghu provi kif jipprovdi l-Artikolu 679. Isegwi minn dan li l-ewwel qorti kienet korretta meta effettivament applikat dan l-artikolu. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat.
Din il-Qorti issa trid tghaddi biex tezamina jekk l-konsiderazzjonijiet maghmula mill-ewwel qorti fuq l-ammissibilita` o meno tad-dokumenti a tenur ta' l-Artikolu 150 tal-Kap. 12 kienux korretti, in kwantu qed jigi sottomess mill-appellanti li, anke jekk l-artikolu citat isib applikazzjoni, il-ligi xorta wahda tipprospetta diversi eccezzjonijiet ghar-regola li kienu jiggustifikaw li l-ewwel qorti taccetta li d-dokumenti imsemmija jigu ammessi.

Qabel xejn jigi osservat li l-konkluzzjonijiet raggunti mill-ewwel qorti dwar l-inapplikabilita` tal-paragrafi (a), (c) u (e) tas-sub-artikolu (1) ta' l-Artikolu 150 huma sostanzjalment korretti u ghalhekk dawn qed jigu accettati minn din il-Qorti.

Illi dwar l-effett tal-paragrafu (b) tal-istess Artikolu, li jirradika d-diskrezzjoni tal-Qorti in materja billi din tkun tista` tammetti l-ezibizzjoni ta' dokumenti prezentati tardivament jekk tkun *sodisfatta mill-htiega jew mill-utilita*` taghhom, ghandu jinghad fir-rigward tad-dokumenti AG2 u AG3 (konsistenti kif inghad minn ricerki dwar trasferimenti ta' l-awturi tal-konvenuti) l-ewwel qorti osservat "*li dawn ma humiex ammissibbli peress illi mhumiex mehtiega u utili f'dan l-istadju tal-kawza."* Din il-Qorti ma tistax tifhem x'kellha f'mohha l-ewwel qorti meta uzat il-kliem "*f'dan l-istadju tal-kawza"* ghax il-htiega jew utilita` ta' dokument

ma jistax jiddipendi mid-data meta jigi ezebit izda mill-fatt jekk verament dan id-dokument jixhed dawl gdid fuq xi aspett partikolari tal-kawza. B’dana kollu din il-Qorti taqbel mal-konkluzzjoni ta’ l-ewwel qorti u dan ghas-semplici raguni li f’azjoni rivindikatorja jispetta lill-attur li jipprova t-titolu tieghu u kull nuqqas jew difett fit-titolu tal-konvenut huwa kompletament irrilevanti ghall-ezitu favorevoli tal-azzjoni attrici. Ir-ricerki in kwistjoni ma jistghu bl-ebda mod jibbenefikaw il-kawza attrici;  jistghu biss forsi jitfghu dubbju fuq dak li qed jigi eccepit mill-konvenuti li, in verita` huwa sekondarju ghall-azzjoni intentata mill-atturi. Jekk imbaghad dawn gew ezebiti biex jintwera li l-uniku dritt tal-konvenuti jitwieled mill- preskrizzjoni akkwizittiva, tali ricerki huma superfluwi billi ma jirriflettu xejn fuq id-dritt vantat mill-konvenuti. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat.

Illi dwar id-Dokument AG4 konsistenti f’ittra datata Jannar 1987, din il-Qorti tikkondividi l-konkluzzjoni ta’ l-ewwel qorti fis-sens li *“din zgur kienet tinsab fil-file tad-difensur ta’ l-attrici, u ghalhekk ma jistax jinghad li l-attrici ma kienitx taf bl-ezistenza tieghu.*”

Ma sar ebda appell fir-rigward tac-cahda tad-dokument AG1 biss jidher li dan id-dokument gie ezebit mar-rikors ta’ l-appell a tenur ta’ l-Artikolu 145 tal-Kodici ta’ Procedura bhala dokument li jsahhah it-talbiet attrici u dana in vista tar-raguni ghac-cahda tal-istess dokument billi l-ewwel qorti ma ammettitux in kwantu huwa fotokopja ta’ pagna ta’ ktieb “*li lanqas biss hu pubblikat.”* Mentri llum jidher li dan il-ktieb gie pubblikat fis-sena 2000.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell ta’ l-atturi mis-sentenza tal-15 ta’ Settembru 1999 qed jigi michud.

**L-appell fejn jikkoncerna l-meritu kif deciz bis-sentenza tat-13 ta’ Marzu 2001.**

Qed jigi sottomess li l-ewwel qorti kienet skorretta fid-decizzjoni taghha tat-13 ta’ Marzu 2001 meta cahdet it-talbiet attrici billi din id-decizjoni hija bazata unikament fuq ir-rizultanzi tar-rapporti tal-periti teknici u l-ewwel qorti ma

haditx in konsiderazzjoni "*r-risultanzi tal-provi l-ohra orali u dokumentarji.*"

Jkun xieraq ghalhekk li hawn jigu riportati 'verbatim' dawk il-provi li l-ewwel qorti kkunsidrat sabiex waslet ghad-decizjoni taghha u dan ghall-ahjar intendiment ta' din is-sentenza, b'referenza partikolari ghal dan l-aggravju mressaq mill-appellanti. Fis-sentenza jinghad hekk:

*"Illi l-kawza istitwita mill-attrici tikkostitwixxi actio rei vindicatoria tant illi l-ewwel talba tal-istess attrici hija sabiex din il-Qorti tiddikjara illi l-ghalqa "Ta' Bajdun" fil-limiti ta' Haz-Zebbug hija proprjeta` taghha. Il-konvenuti jeccepixxu illi fl-ewwel lok l-attrici ghandha tipprova t-titolu taghha fuq l-ghalqa de quo u certament illi l-oneru tal-prova jinkombi fuq l-attrici biex tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti u sal-grad li trid il-ligi illi effettivament hija kienet il-proprjetarja tal-ghalqa in kwistjoni li kienet posseduta u mahduma mill-konvenuti.*

*"Illi l-provi prodotti mill-attrici jikkonsistu principalment fi provi dokumentarji u kif ukoll fix-xhieda ta' Joseph Deguara, binha Henry Deguara u Anthony Borg, rapprezentant tad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura. Joseph Deguara jispjega l-provenjenza tat-titolu ta' l-attrici bil-mod segwenti – l-ghalqa de quo kienet tappartjeni lil Maria armla tal-Kavallier Nicodemo Gandolfo Caruana Catto u tinsab indikata u deskritta bhala proprjeta` taghha fl-inventarju ppubblikat minn Nutar Dr.Paul Pullicino fis-6 ta' Gunju 1953 (anness bhala Dokument 'A' mac-citazzjoni promotrici a fol. 5 u 6 tal-process); din l-ghalqa kienet giet ghand l-imsemmija Maria Gandolfo Caruana Gatto permezz ta' att ta' divizjoni pubblikat minn Nutar Edardo Calleja Schembri fl-4 ta' Jannar, 1937 (esebit a fol. 94 sa 97 tal-process); b'testment sigriet tat-8 ta' Settembru 1950 (anness bhala Dokument 'B' mac-citazzjoni promotrici a fol-7 tal-process) l-imsemmija Maria Gandolfo Caruana Gatto nnominat bhala eredi universali taghha lill-attrici illi b'hekk wirtet ukoll din l-art "Ta' Bajdun". Jirrizulta wkoll mill-provi prodotti mill-attrici illi din l-ghalqa giet denunzjata fis-successjoni ta' l-imsemmija Maria Gandolfo Caruana Gatto.*

*"Ix-xhud Joseph Deguara spjega wkoll illi originarjament l-amministratur ta' l-artijiet kien il-Markiz Paul Apap Bologna, missier l-attrici, imbaghad l-art kienet giet amministrata mill-Avukati Joseph Henry Reynaud u Joseph Mary Vella, li kienu nhatru bhala ezekuturi testamentarji minn Maria Gandolfo Caruana Gatto u sussegwentement l-amministrazzjoni waqghet f'idejn Sander Apap Bologna, hu l-attrici, illi baqa' jamministra sal-1974. Ghal xi zmien l-amministrazzjoni kienet waqghet ukoll f'idejn il-Monsinjur Roberto Caruana Gatto illi kien johrog xi ricevuti. Ix-xhud Henry Deguara jikkorrobora din ix-xhieda.*

*"Ix-xhud Joseph Deguara jispjega wkoll illi ma kienitx inghatat rendikont ta' l-amministrazzjoni taghhom mill-Avukati Joseph Henry Reynaud u Joseph mary Vella, tant illi kienu gew istitwiti proceduri gudizzjarji f'dan ir-rigward (ghalkemm dwar dan ma ngabet ebda prova) filwaqt illi lanqas Sander Apa Bologna ma ghadda ebda dokumentazzjoni lill-attrici jew lil zewgha, l-imsemmi Joseph Deguara. Huwa jispjega oltre illi mill-pitazz ta' ricevuti illi kien izomm il-Monsinjur Robert Caruana Gatto kien hemm notament ta' ricevuta ghas-somma ta' sitt liri u nofs fis-sena mahruga lil V. Mifsud ta' 58, St. Mary Street, Zebbug ghall-qbiela li ghalqet fil-15 ta' Awissu 1939 fir-rigward tal-ghalqa "Ta' Bajdun" f'Haz-Zebbug, kopja ta' liema tinsab annessa bhala Dokument "PM4" max-xhieda ta' l-imsemmi Joseph Deguara moghtija quddiem l-assistant gudizzjarju Dr. Paul Micallef fis-seduta tat-28 ta' Lulju 1988. L-istess Joseph Deguara, dak iz-zmien attur flimkien ma martu fil-kawza odjerna, fl-istess seduta esebixxa bhala Dokument "PM2" statement of accounts redatt mill-Markiz Paul Apap bologna in rigward tal-perjodu mill-ewwel ta' Lulju sal-ahhar ta' Dicembru tas-sena 1946, u dan riferibbilment ghall-amministrazzjoni tal-proprjeta` ta' Maria Gandolfo Caruana Gatto, l-allegata awtrici ta' l-atturi. F'dan l-istatement of account hemm registrat hlas ta' sitt liri u nofs fit-22 ta' Settembru 1946 effettwat minn "Vittorio Mifsud for one year's rent due on the 15$^{th}$ August 1946". Joseph Deguara esebixxa wkoll fl-istess seduta bhala Dokument "PM4" lista tal-proprjeta` ta'*

*Maria Gandolfo Caruana Gatto illi kienu kkonsenjaw l-esekuturi testamentarji l-Avukati Joseph henry Reynaud u Joseph Mary Vella, f'liema lista taffigura wkoll l-ghalqa "Ta' Bajdun" f'Haz-Zebbug.*

*"Ix-xhud Henry Deguara, iben l-atturi, jispjega illi ghall-habta tas-sena 1982 huwa beda jinvolvi ruhu fl-amministrazzjoni tal-beni ta' ommu u kien gab xi nformazzjoni mill-Ghammieri dwar din l-ghalqa in kwistjoni w anke kiteb lil Vittorio Mifsud li sadanittant kien miet u finalment tnejn mill-ulied ta' Vittorio Mifsud kienu ltaqghu mieghu u ma' missieru Joseph Deguara fl-ufficcju taghhom il-Belt izda cahdu li kellhom ihallsu xi qbiela u sostnew illi l-ghalqa de quo kienet proprjeta` taghhom u cioe` tal-familja taghhom.*

*"Xhud iehor prodott mill-attrici kien Anthony Borg, rapprezentant tad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura illi spjega li mir-records tad-Dipartiment, illi ilhom jinzammu mill-1945, jirrizulta illi din l-ghalqa "Ta' Bajdun" kienet registrata fl-1 ta' Frar 1945 fuq isem Vittorio Mifsud ta' 46, Triq Mamo, Zebbug, u bhala sid kien indikat il-Markiz Apap Bologna. Imbaghad din l-art kienet giet registrata f'isem Mario Mifsud fit-2 ta' Frar 1976 u bhala sid kien indikat "Parish Church – Haz-Zebbug"; sussegwentement din l-art giet registrata f'isem Philip Bonanno fit-12 ta' Novembru 1976, imbaghad daret fuq isem Teresa Bonanno fl-10 ta' Gunju 1985 u finalment daret fuq isem Emanuel Bonanno fid-19 ta' Awissu 1998, u f'kull okkazzjoni fir-rigward tal-proprjeta` din l-ghalqa giet indikata bhala "church property". Anthony Borg xhed illi mir-records ma jirrizultax kif bhala proprjeta` ma baqghetx tghajjat lill-Markiz Apap Bologna u bdiet tghajjat lill-Knisja u qal li d-Dipartiment li jkun interessat mhux fil-propjetarju tal-ghalqa izda min ikun il-bidwi li jkun qed jahdimha. Xehed ukoll illi fil-konfront ta' Vittorio Mifsud kien hemm indirizz iehor, u cioe` 85, St. Mary Street, Zebbug li gie ngassat u minfloku tnizzel l-indirizz ta' Mamo Street, Zebbug. Qal ukoll illi Vittorio Mifsud ma kienx iffirma izda ghamel il-marka tieghu. Anthony Borg esebixxa wkoll fotokopja ta' pjanta mehuda mill-pjanti tad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura li tindika l-ghalqa in kwistjoni mlaqqma "Ta' Bajdun", liema*

*pjanta giet indikata bhala Dokument "A1" u annessa max-xhieda moghtija quddiem l-Assistant Gudizzjarju Dr. Paul Micallef fis-seduta tal-21 ta' Novembru 1988.*

*"Illi essenzjalment dawn huma l-korp tal-provi prodotti mill-attrici in sostenn tat-talba taghha biex tigi dikjarata proprjetarja tal-ghalqa in kwistjoni. Da parti taghhom, ghall-konvenuti xhedu l-istess konvenuti Mario Mifsud, Teresa Bonanno, Rita Refalo u Lilian Galea li sostnew li missierhom dejjem kien ighid illi din l-ghalqa kienet tieghu, a differenza ta' ghelieqi ohrajn illi huwa kien jiddetjeni u jahdem b'titolu ta' qbiela, u li huma qatt ma jafuh ihallas ebda qbiela lil hadd in rigward ta' din l-ghalqa. Il-konvenuti pprezentaw id-denunzja ta' missierhom Vittorio Mifsud fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 1989 quddiem l-Assistant Gudizzjarju, minn fejn jirrizulta illi din l-ghalqa kienet giet denunzjata, u pprezentaw ukoll it-testment ta' l-istess missierhom Vittorio Mifsud pubblikat fit-2 ta' Lulju 1970 in atti Nutar Philip Saliba fejn hemm stipulat illi "ghal kull fini t-testaturi jiddikjaraw li huma jipposjedu d-dar fejn joqghodu ….. u l-ghalqa fi Triq il-Mithna "Ta Srina" ossia Mdina Road tal-kejl cirka erba' tomniet li tinhadem mit-testatur u l-familja tieghu," Il-konvenuti sostnew ukoll illi missierhom kien jaf jiffirma ismu u kunjomu u in sostenn ta' dan fl-istess seduta pprezentaw kopja ta' "Deed of Apprenticeship" ta' Carmel Mifsud datat it-8 ta' Novembru 1955 iffirmat minn Vittorio Mifsud bhala "parent, guardian or next friend" ta' l-istess Carmel Mifsud. F'dan ir-rigward pero` din il-Qort tosserva li ma tistax tiddubita mill-awtenticita` ta' l-entry illi tezisti fir-records tad-Dipartment ta' l-Agrikoltura tal-1 ta' Frar 1945 u li jaghmel riferenza ghaliha r-rappresentant tad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura Anthony Borg fejn Vittorio Mifsud ma iffirmax izda ghamel sinjal, u dan ghaliex ma kenitx xi haga in komuni illi persuni illi l-istruzzjoni taghhom kienet tasal biss biex jiktbu isimhom u kunjomhom xi drabi kienu jhossuhom in grad u kapaci li jiktbu isimhom u drabi ohra le, u, fil-kaz odjern, il-Qorti taghmel riferenza ghat-testment ta' l-imsemmi Vittorio Mifsud, esebit mill-konvenuti (supra) li fih gie dikjarat mill-imsemmi Vittorio Mifsud illi huwa ma jiktibx ismu.*

*“Il-Qorti taghmel referenza ghar-rapport tal-A.I.C. Victor Torpiano illi b’digriet tat-23 ta’ Novembru 1992 kien gie nominat bhala Perit Tekniku bl-inkarIgu specifiku illi jezamina l-kuntratt ta’ divizjoni iskritt fl-atti tan-Nutar Eduardo Calleja Schembri tal-4 ta’ Jannar 1937 u sabiex jirrelata dwar jekk l-art pretiza mill-attrici hijiex l-istess art posseduta mill-konvenuti. In dizimpenju ta’ l-inakrigu tieghu, il-Perit Tekniku zamm zewg accessi u seduta u ipprepara tlett pjanti tal-inhawi nkulza l-ghalqa in kwistjoni. Il-Perit Tekniku jirrelata illi skond il-kuntrat ta’ divizjoni fuq imsemmi l-awtrici ta’ l-atturi, Maria Gandolfo Caruana Gatto, kienet giet assenjata, inter alia, “ghalqa tal-Bajdun fil-kuntrada ta’ San Martin, limiti ta’ Haz-Zebbug, ta’ tlett itmiem, hames sieghan u tmien kejliet (ekwivalenti ghal 4,458.85 metru kwadru) konfinanti mill-Punent ma’ beni ta’ Giovanni u Filippu tal-Bilbli, mit –Tramuntana ma’ Strada Baidun u minn Nofsinhar ma Sqaq San Gakbu …..” L-ghalqa indikata minn Henry Deguara, iben l-attrici, fuq l-ewwel pjanta, liema pjanta tinkludi fotokopja tas-survey sheet antika numru 89 u l-marka “X” li saret mix-xhud Henry Deguara waqt l-access, ghandha kejl superficjali ta’ cirka 5,586 metru kwadru, sostanzjalment izjed mill-kel indikat fl-imsemmi kuntratt ta’ divizjoni, u oltre dan l-irjihat ossija l-konfini tal-ghalqa ma jikkoincidux ma’ dawk indikati fl-imsemmi kuntratt ta’ divizjoni.*

*“Il-Perit Tekniku fir-rapport tieghu osserva wkoll illi fl-inventarju pubblikat minn Nutar Paul Pullicino fis-6 ta’ Gunju 1953 (supra) l-ghalqa hija deskritta bl-istess laqam u kejl u irjihat hlief li hija ndikata li tmiss “mit-Tramuntana ma’ St. Mary Street” minflok ma’”Strada Baidun” kif indikat fil-kuntratt ta’ divizjoni u li meta wiehed jara l-pjanta li tinkludi fotokopja tas-survey sheet numru 4870 ta’ l-Edizzjoni 1974, il-kejl ukoll ma kienx jaqbel ma’ da indikat fil-kuntratt ta’ divizjoni. Il-Perit Tekniku ghalhekk wasal ghall-konkluzzjoni illi l-art imsemmija u deskritta fl-imsemmi kuntratt ta' divizjoni iskritt fl-atti tan-Nutar Eduardo Calleja Schembri tal-4 ta’ Jannar 1937 ma kenitx l-istess art murija lilu minn Henry Deguara, bin l-attrici, waqt l-access.*

*"Il-Qorti taghmel riferenza wkoll ghar-rapport tal-Periti Addizjonali A.I.C. Michael A. Refalo, A.I.C. Albert Borg Costanzi u l-A.I.C. Rene' Buttigieg nominati minn din il-Qorti b'digriet tad-9 ta' Jannar 1995 fuq talba ta' l-attrici illi hassitha aggravata bir-rapport tal-Perit Tekniku A..C. Victor Torpiano. Il-Periti Addizzjonali, minbarra illi ghamlu riferenza ghad-deskrizzjoni ta' l-art de quo fil-kuntratt ta' divizjoni iskritt fl-atti tan-Nutar Eduardo Calleja Schembri tal-4 ta' Jannar 1937 u fl-inventarju pubblikat minn Nutar Paul Pullicino fis-6 ta' Gunju, 1953, ghamlu riferenza wkoll ghad-deskrizzjoni ta' l-art de quo kif indikata fil-paragrafu 117 ta' kuntratt ta' divizjoni originali pubblikat minn Nutar Eduardo Calleja Schembri tal-4 ta' Jannar 1937 u li gie esebit bhala Dokument "P1" mill-attur Joseph Deguara fis-seduta tal-14 ta' Jannar 1988 quddiem l-Assistant Gudizzjarju Dr. Paul Micallef, fejn l-ghalqa de quo hija deskritta bhala "la clausura denominata "tal-Baidun" in contrada "ta' San Martin" limiti di C. Zebbug, consiste in un solo apprezzament di terreno di capacita` superficjiale di Tli.3.5.8 e contiene una cisterna di acqua piovana ….; questa clausura ha per confini a Ponente beni dei fratelli Filippo e Giovanni agniominati "tal-Bilbli", a Tramontana Strada Baidun che conduce a Valletta a Levante beni di Giusepe Micallef e mezzodi vicolo San Giacomo." Il-Periti Addizjonali kkonkludew illi ma setghux jaslu ghall-konkluzzjoni illi l-ghalqa pretiza mill-attrici kienet dik indikata fil-kuntratt ta' divizjoni fuq imsemmi stante illi l-kejl ivarja, l-irjihat fuq it-Tramuntana u Mezzodi ndikati fil-kuntratt ta' divizjoni in kwistjoni mhumiex dawk tal-ghalqa de quo li lanqas ma fiha bir kif indikat fl-imsemmi kuntratt ta' divizjoni."*

Minn qari tar-rikors ta' l-appell ta' l-atturi jidher li l-punti principali li gew diskussi huma tlieta u cioe`:-

a) Il-kwistjoni tal-identita` tal-art;
b) Il-kwistjoni tat-titolu ta' l-atturi;
c) Il-preskrizzjoni akkwizittiva.

**Dwar l-identita` ta' l-art.**

Mill-atti processwali jirrizulta b'mod car li fl-inhawi ta' Haz-Zebbug hemm ghalqa wahda maghrufa bhala "Ta'

Bajdun" li l-atturi jghidu li hi proprjeta` taghhom filwaqt li l-konvenuti jsostnu l-kuntrarju. Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar liema hija l-ghalqa in kwistjoni. In effetti fic-citazzjoni din l-ghalqa hija deskritta b'mod car kemm ghal dak li huwa kejl kif ukoll ghal dawk li huma rjiehat. Fl-eccezzjonijiet ppresentati mid-diversi konvenuti ma jinghadx li l-ghalqa posseduta minnhom hija differenti minn dik imsemmija fic-citazzjoni, anzi ghall-kuntrarju l-konvenut Carmelo Mifsud jghid espressament li "*l-art imsemmija fic-citazzjoni hija ta' l-ahwa Mifsud.*" Il-konvenuta Rose Attard tghid li "*l-ghalqa de quo tappartjeni lill-aventi kawza tal-attrici Victor Mifsud*". Il-konvenut Carmelo Mifsud kif ukoll l-kuraturi deputati Avukat Dottor Joseph Azzopardi et jghidu wkoll li l-azzjoni hija preskritta billi l-art hija tal-konvenuti in forza tal-preskrizzjoni akkwizittiva. Minn dan jidher li fl-istadju inizjali tal-kawza kien hemm qbil dwar liema kienet l-art mertu tal-kawza u cioe` l-ghalqa ta' Bajdun li l-atturi kienu qed jippretendu li hija taghhom. Ma jirrizultax li kien hemm nuqqas ta' ftehim dwar dan. Dan il-fatt huwa aktar enfasizzat mill-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti billi tali preskrizzjoni tista` biss tkun effettiva kontra sid il-fond ghax ma tistax tissolleva l-preskrizzjoni kontra persuna u tirreklama dritt ta' proprjeta` in forza ta' dik il-preskrizzjoni jekk mhux kontra s-sid "precedenti" tal-istess fond.

Huwa minnu li matul l-prosegwiment tal-kawza kien hemm diversi cirkostanzi li jindikaw certa konfuzjoni sew minhabba l-kejl tal-art li jidher li gie indikat diversament f'diversi okkazzjonijiet jew minn diversi esperti, kemm minhabba l-fatt li iben l-attrici waqt l-access indika ghalqa ohra minflokk dik li realment kienet qed tigi rivendikata mill-attrici. L-ewwel qorti hadet l-ispunt tad-decizzjoni taghha minn dan in nuqqas ta' koerenza meta qalet li "*Fl-kaz odjern, l-attrici ma rnexxilhiex li tipprova titolu originali ta' akkwist, ghax kif jirrizulta mill-istess rapport kemm tal-Perit Tekniku u kif ukoll tal-Periti Addizzjonali ma rrizultax illi l-ghalqa illi hija qieghdha tippretendi li hija taghha hija l-istess ghalqa kif deskritta fil-kuntratt ta' divizjoni pubblikat minn Nutar Eduardo Calleja Schembri tal-4 ta' Jannar 1937."* Din il-qorti ma tikkondividix din il-konkluzzjoni billi,

kif inghad fuq, ghalqa Ta' Bajdun hemm wahda biss u ma jirrizultax li kien hemm kontestazzjoni bejn il-kontendenti dwar l-identita` taghha. Infatti kif sewwa osservat l-appellanti fir-rikors ta' l-appell "*L-unika relazzjoni li qatt kien hemm bejn il-familja tal-attrici u l-familja tal-konvenuti tirrigwarda l-ghalqa "ta' Bajdun".* Ghalhekk il-kwistjoni li kellha tigi epurata mill-ewwel qorti kienet proprjament il-prova li azzjoni rivendikatorja tirrikjedi, u cioe` jekk l-atturi humiex verament il-proprjetarji o meno ta' l-ghalqa meritu tal-kawza. Kwistjonijiet ta' kejl, ta' irjihat jew rikonoxximent tal-ghalqa "in situ" huma sekondarji darba ma kien hemm ebda kontestazzjoni fuq liema kienet l-art u dan billi sew il-kejl kemm l-irjihat jistghu, fuq firxa ta' zmien twil u anke minhabba l-fatt li l-amministrazzjoni ta' l-istess art ghaddiet minn hafna idejn, jsofru certa diskrepanzi mhux anqas anke minhabba l-fatt li certa toroq jinbidlulhom isimhom.

**Dwar it-titolu tal-atturi.**

Din hija l-prova vitali li hija mehtiega f'azzjoni rivendikatorja billi kemm-il darba l-attur jonqos li jipprova t-titolu tieghu ta' proprjeta` fuq l-art rivendikata, l-azzjoni ma tistax tirnexxi anke jekk it-titolu tal-konvenut ma jirrizultax.

Issa minn ezami tal-provi prodotti u partikolarment l-kuntratt ta' divizjoni tal-14 ta' Jannar 1937, din il-Qorti hija sodisfatta li jidher car li l-ghalqa in kwistjoni kienet tifforma parti mill-assi ereditarja ta' Maria Gandolfo Caruana Gatto liema assi sussegwentement ghadda ghand l-attrici odjerna qua eredi universali ta' l-istess Maria Gandolfo Caruana Gatto. Pero` oltre dan jirrizulta li l-istess awtur tal-konvenuti kien irrikonoxxa t-titolu ta' proprjeta` tal-attrici jew l-awtrici taghha meta fl-1939 hallas il-qbiela fuq l-imsemmija art lill-Markiz Apap Bologna gja amministratur tal-assi ta' Maria Gandolfo Caruana Gatto. Wara l-mewt ta' l-istess Maria Gandolfo Caruana Gatto jirrizulta li sar inventarju tal-assi ereditarju taghha fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino. F'dan l-inventarju din l-ghalqa Ta' Bajdun terga' tirraffigura. Minn dan kollu din il-Qort hija sodisfatta li l-ghalqa in kwistjoni u cioe` dik l-ghalqa denominata ta'

Bajdun tappartjeni lill-attrici billi wirtitha minn ghand Maria Gandolfo Caruana Gatto.

**Dwar il-preskrizzjoni.**

L-ewwel qorti ma illimitatx ruhha ghall-konsiderazzjonijiet tat-titolu ta' l-atturi, konsiderazzjonijiet li din il-Qorti thoss kienu ghal kwantu superficjali, u li, fir-rizultanzi kif hekk konstatati mill-ewwel qorti kienu jkunu sufficjenti biex t-talba attrici tigi michuda, izda l-istess qorti ghaddiet ghall-ezami tat-titolu tal-konvenuti bazat fuq l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni minnhom sollevata. F'dan ir-rigward din il-Qorti tirravviza konfuzzjoni legali u dana billi, in kwantu irrizulta li l-awtur tal-konvenuti kien ihallas il-qbiela ghall-art in kwistjoni, kemm hu kif ukoll id-dixxendenti tieghu ma setghu qatt jippreskrivu favur taghhom biex b'hekk jirreklamaw dritt ta' proprjeta` fuq art li kienet mizmuma minnhom b'titolu ta' qbiela. Dan jidher car mill-provvedimenti ta' l-Artikolu 2118 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi li "*Dawk li jzommu l-haga f'isem haddiehor jew il-werrieta taghhom, ma jistghux jippreskrivu favur taghhom infishom: bhal ma huma l-kerrejja, id-depozitarji, l-uzufruttwarji, u, generalment dawk li ma jzommux il-haga bhala taghhom infishom."* Minn dan jidher li l-ewwel qorti kienet skorretta meta, wara li irrikonoxxiet ir-relazzjoni ta' sid u inkwilin bejn l-atturi u l-konvenuti jew l-awtur taghhom, ghaddiet biex qalet li "*din il-Qorti hija sodisfatta wkoll illi l-ghalqa in kwistjoni ghaddiet favur il-konvenuti pussessuri bis-sahha tal-preskrizzjoni trentennali ai termini ta' l-Artikolu 2107(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Dan premess u stante li fil-parti disposittiva ta' din is-sentenza ser tigi milqugha l-ewwel talba attrici, huwa opportun li tigi ezaminata l-portata taz-zewg talbiet l-ohra kontenuti fic-citazzjoni. It-tieni talba attrici, li hija marbuta ma l-akkoljiment ta' l-ewwel talba u cioe` r-rikonoxximent tal-attrici qua sid l-ghalqa in kwistjoni, hija intiza sabiex l-Qorti tordna l-izgumbrament tal-konvenuti mill-ghalqa de quo. Issa kif sewwa osservat il-konvenuta Rose Attard fit-tieni eccezzjoni taghha "*in vista tad-dikjarazzjoni tal-istess attrici illi l-ghalqa de quo kienet in lokazzjoni ghand*

*Vittorio Mifsud, ma jistghux jirnexxu t-tieni u t-tielet domanda tac-citazzjoni."* Dan huwa proprju ghaliex kemm-il darba jirrizulta li l-ghalqa kienet imqabbla ghand il-konvenuti, l-izgumbrament tal-istess konvenuti jezorbita mil-kompetenza tal-Qorti Prim Awla. Billi kif rajna aktar 'l fuq dan it-titolu ta' kera jirrizulta, din il-Qorti ma tistax tilqa t-tieni u tielet domandi attrici.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti tipprovdi fuq l-appell interpost mill-attrici mis-sentenza tal-15 ta' Settembru 1999 billi tichdu bl-ispejjes kontra l-attrici appellanti; tipprovdi ukoll fuq l-appell tal-attrici mis-sentenza tat-13 ta' Marzu 2001 billi tilqghu limitatament in kwantu l-qorti ta' l-ewwel grad cahdet l-ewwel talba attrici, u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata tat-13 ta' Marzu 2001 billi tirrevokaha fejn din cahdet l-ewwel talba attrici u tilqa' l-istess talba billi tiddikjara lill-attrici appellanti proprjetarja tal-ghalqa ta' Bajdun fil-limiti ta' Haz-Zebbug kif deskritta fic-citazzjoni, u tikkonfermah fil-bqija.

L-ispejjes tas-sentenza tat-13 ta' Marzu 2001 u dawk ta' l-appell minn din is-sentenza ghandhom jigu sopportati bin-nofs bejn il-kontendenti u dana billi t-tielet talba li giet michuda effettivament hija parti integrali mit-tieni talba li wkoll giet michuda.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------